**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 69**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2024 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Ralph Puli - Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku (online)
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier
George Muscat - Kunsillier

**ASSENTI**

Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**69.1 Sospensjoni tal-Aġenda**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab sospensjoni tal-Aġenda u stieden lill-E.T. President Emeritus Dr Marie Louise Coleiro Preca tingħaqad mal-membri fuq il-mejda. L-E.T. Coleiro Preca ppreżentat ir-rendikont annwali għas-sena 2022/2023, tal-Proġett Blossom.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento rringrazzja lill-E.T. M'Louise Coleiro Preca u lill-Fondazzjoni tax-xogħol li sar matul dawn is-sentejn fil-komunita' Qormija.

**69.2 Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 67, liema Minuti kienu ċċirkolati u meħuda bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati.

**69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**69.3.1 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma fil-bidu tas-sena ltqajna mad-Direttur Ġenerali għad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill fejn ġejna mitluba nippreżentaw il-Budget għas-sena 2024. L-istess dokument intbagħat lill-Awditur Ġenerali.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li sad-data tas-Seduta ma kellha l-ebda feedback. Is-Sindku nfurma li s-sena li għaddiet il-Kunsill kellu tnaqqis mill-allokazzjoni u ħallas madwar € 120,000 aktar minn dak allokat fl-allokazzjoni, f'tipping fees. Is-Sindku qal li kif inħadmet l-allokazzjoni, l-ispejjeż relatati mas-servizzi li obbligat jagħti l-Kunsill se mmorru minn taħt b'madwar € 500,000.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li dak li tkellmu mad-Dipartiment kien il-fatt li l-allokazzjoni ma tirriflettix il-ħtiġijiet reali tal-Kunsill.

Dan ifisser li l-Kunsill ma jista' jagħmel assolutament xejn.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa jekk is-sena hux se tingħalaq b'deficit ta' € 500,000, għaliex fil-budget mhux qed jiġu riflessi? Il-Kunsillier Ralph Puli qal li d-diffikultajiet finanzjarji ma jirriflettux l-ammont li

qed jissemma mis-Sindku, għaliex skont il-budget il-Kunsill se jagħlaq is-sena *b'deficit* ta' € 40,000 biss.

69.3.2 **Is-Segretarju Eżekuttiv** issuġġeriet li l-Kunsill jistenna l-Financial Statements sabiex il-Kunsill ikollu l-ammonti reali, filwaqt li jintalab meeting mal-accountants sabiex jispjegaw kif il-Kunsill ilu 9 xhur b'deficit u issa l-budget b'deficit ta' € 40,000 biss.

69.3.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li tħabbru l-iskemi għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi u l-Iskema Proġetti Komunitarji 2024-2026 minn LESA u kif infurmat is-Segretarju Eżekuttiv, permezz ta' korrispondenza elettronika, l-Kunsill se jkun qed japplika għar-restawr taz-zuntier tal-Knisja Kolleġjata ta' San Ġorġ taħt l-ewwel skema, filwaqt li qed jiġu mħejjija l-istimi mill-Perit tal-Kunsill għall-proġett ta' bankini ġodda fi Pjazza Narbona u pavimentar ġdid fi Triq il-Kbira jew kif inhi aktar magħrufa magħna l-Qriema Pjazza San Franġisk.

69.3.4 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li aktar kmieni llum l-Kunsill ressaq applikazzjonijiet mal-Public Works sabiex issir manutenzjoni fuq il-bankina fi Triq Antoine J. Aguis, wiċċ ġdid bil-konkos fi Sqaq San Franġisk Nru 2 u manutenzjoni tal-gradilji tal-ilma fi Triq il-Kbira.

69.3.5 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** infurma li r-residenti ta' Triq l-Għadira qed jitolbu li jsir rain water culvert li jgħaqqad ma Triq il-Belt Valletta u Triq l-Għargħar. Il-Kunsill talab li tinħadem stima mill-Perit tal-Kunsill.

69.3.6 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li tressqet talba għal bini ta' gazebo u manutenzjoni tat-trellis eżistenti fi Ġnien Gorg Hyzler, lill-garaxx tal-gvern. Jekk din it-talba tintlaqa' l-Kunsill iħallas biss tal-materjal u b'hekk jiffranka l-labour costs u ma jkunx hemm il-ħtieġa li jinħarġu tenders għal dawn ix-xogħlijiet.

69.3.7 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li għada se nkunu qed niltaqgħu mal-Perit u l-kuntrattur responsabbli mill-proġett ta' Triq San Bartolomew u Triq il-Vitorja. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento spjega li ntilef ħafna żmien u dan il-proġett għadu ma nbedix u kien ċar mal-kuntrattur, irid jibda x-xogħol b'mod immedjat u jlestih sa nofs April. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni lis-Sindku li hu ffirma l-Programme of Works u jekk kemm-il darba ma jżommx mad-dati l-Kunsill jieħu l-azzjonijiet li jħoss opportun.

**69.3.8** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega wkoll li anke x-xogħlijiet fi Ġnien iż-Żebbuġ ilu għaddej sentejn biex jitlesta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li diġà tkellmet nfurmat lill-Perit sabiex jimplimenta l-penali skont il-kuntratt.

**69.3.9** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li x-xogħol ukoll fi Ġnien Tumas Fenech u bħalissa għaddejjin b'xogħol ta' tibdil tar-rubber flooring u playing equipment fi Ġnien De La Cruz. Is-Sindku nfurma wkoll li tressqet talba lir-Reġjun Nofsinhar sabiex nutilizzaw il-ħaddiema tar-Reġjun sabiex issir manutenzjoni estensiva fuq it-teatru grieg tal-istess ġnien. Biex b'hekk ikollna ġnien komplut minn kollox.
Il-Kunsillier Daniel Ablett staqsa jekk hux se ssir manutenzjoni fuq il-parti ta' ġewwa tat-teatru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġewwa qed jintuża mill-aħwa Borg u mhux mistenni jsir manutenzjoni fuq ġewwa, għall-fatt li bil-presepju armat ma jistax isir xogħol. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk tħallsitx il-kirja tal-użu tat-teatru. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li se jkunu qed jintbagħtu l-invoices. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li huwa mportanti li jsir kuntratt.

**69.4** **Budget 2024**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li kif miftihem se jkun qed isir meeting mal-accountants tal-Kunsill.

**69.5** **Magazine Id-Dielja**

Il-Kunsillier Doris Zammit fakkret li għadha qed tistenna l-artikli tal-Kunsilliera għall-magazine Id-Dielja u talbet lill-membri jikkooperaw għaliex ma jistax ikun hemm aktar dewmien.

**69.6** **Ħwejjeġ Oħra**

Il-Kunsillier Doris Zammit ipproponiet li l-Unur Ġieħ Ħal Qormi jingħata lil St Bartholomea li għalqet 100 sena fil-ġranet li għaddew.

Il-Kunsillier Doris Zammit ipproponiet li fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tinżamm ikla stil lhudi fis-sala tal-Kunsill, għall-kunsilliera u staff. Din l-ikla qed tiġi proposta għall-Ġimgħa 15 ta' Marzu. Il-Kunsill approva.

**69.7 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2024.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa dwar il-pagamenti mitluba mis-Sur Paul Borg li jammontaw għal € 9,000. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat x'kien hemm fuq l-invoices.

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li l-pagament relatat mar-restawr ta' ħadid, dawl u fanal ma jiġix approvat.

L-istess għall-pagament relatat ma' xogħlijiet li saru minn mastrudaxxa għall-Milied 2022.

Il-kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona l-approvazzjoni tal-kumplament tal-pagamenti.

Il-Kunsillier Daniel Ablett issekonda.

Il-pagamenti ġew approvati, għajr dawk imwaqqfa.

**69.8 Mozzjoni Nru 119 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill, fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv japprova l-Performance Bonus tal-impjegati kif ġej:

[redacted]

Nipproponi wkoll li l-Kunsill jirrakkomanda lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata 8% performance bonus, skont ir-rapport iħejji minni u diskuss mal-istess Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill approva l-mozzjoni b'mod unanimu.

**69.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 27 ta' Frar 2024.

Konfermati llum, 13 ta' Frar 2024.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |